# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 15 ta' Novembru 2022**

## Talba numru 341/2020SFJ

***Nyal Xuereb (544978M) għan-nom u in rappreżentanza ta' Eleven22 Company Limited (C44026)***

***vs.***

***Claudio Micallef (319278M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-30 ta' Diċembru 2020 li permezz tiegħu l-attur nomine talab li l-konvenut ikun ikkundannat iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' erbat elef u tmien mija u ħdax-il Ewro u għaxar ċenteżmi (€4,811.10) rappreżentanti spejjeż u danni inkorsi minħabba l-inadempjenza tal-konvenut rigward xogħol li kellu jwettaq fi żmien miftiehem.

Ra r-risposta tal-konvenut ippreżentata fis-7 ta' April 2021 li permezz tagħha oppona t-talbiet attriċi.

Ra l-kontro-talba tal-konvenut ippreżentata flimkien mar-risposta li permezz tagħha talab li jitħallas is-somma ta' elf u tmien mitt Ewro (€1,800) rappreżentanti xogħol esegwit minnu.

Ra r-risposta għall-kontro-talba li permezz tagħha l-attur nomine oppona l-kontro-talba.

Sema' ix-xhieda kollha, qara d-dokumentazzjoni kollha ppreżentata, sema' t-trattazzjonijiet tal-partijiet u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-15 ta' Novembru 2022.

**Il-provi prodotti u l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

*i.* *Il-kontro-talba u x-xhieda tal-konvenut*

It-Tribunal jibda billi josserva li l-konvenut ma jikkontestax li tqabbad jagħmel xogħol ta' bini ta' rampa f'fond fil-Buskett u lanqas jikkontesta t-*tender* li rebħet is-soċjetà attriċi jew li x-xogħol kellu jitlesta fi żmien definit. Il-konvenut xehed li l-ftehim kien li Nyal Xuereb iġiblu l-materjal neċessarju u qal li fil-verità, ma sar xejn minn dan. L-ewwel ilment tal-konvenut huwa li l-materjal kellu jinġarr minnu ċertu distanza u li kien skomdu li jitmexxa l-materjal bil-karretta. Il-konvenut ippretenda, fi kliemu stess "*li jipprovdili l-materjal maġenbi.*"

Il-konvenut żied jgħid li maż-żmien, żdiedet id-distanza u huwa beda jippretendi li Xuereb iġib miegħu inġenji għall-ġarr tal-materjal. Huwa qal ukoll li kien javża lil Xuereb li bir-rata tax-xogħol, ma kienx ser jirnexxielu jżomm maż-żmien stipulat u lanqas kien ser jirnexxielu jaħdem bil-prezz miftiehem. Il-konvenut insista li Xuereb beda jġiblu l-iskużi fir-rigward tal-inġenji u mbagħad allega li kien jitlob lil Xuereb għall-materjal li bih kellu jikkostruwixxi r-rampa iżda l-materjal ma kienx jasal.

F'dan il-punt, il-konvenut beda jgħid li x-xogħol beda jdum għax Xuereb beda jibgħatu jaħdimlu f'postijiet oħrajn, bħal fin-Naxxar, fil-Għargħur, u f'Wied Blandun. Il-konvenut qal li meta ra li Xuereb beda jibgħatu jaħdimlu f'postijiet oħra, ma baqax jemmen li x-xogħol fuq ir-rampa fil-Buskett verament kien urġenti. Huwa jgħid li ma baqax jemmen li x-xogħol fil-Buskett ma kienx urġenti anki għall-fatt li skont hu, Xuereb ma ħabrikx biex jipprovdilu inġenji u materjal.

Dwar in-natura tal-ftehim, il-konvenut qal li kien hemm diversi messaġġi skambjati u anki elementi verbali tal-ftehim. Imbagħad, iżda, il-konvenut ippreżenta d-dokument CM (fol. 150). It-Tribunal jagħmilha ċara li mhuwiex qiegħed jaċċetta din il-karta bħala prova ta' xi ftehim. Il-karta ppreżentata hija fotokopja mhux awtentikata u la għandha data u lanqas firem fuqha. Huwa impossibbli li tittieħed bis-serjetà, u għalhekk, it-Tribunal qiegħed jiskartaha.

Il-konvenut jgħid, fix-xhieda tiegħu (fol. 134), li "*ma ffirmajna xejn.*" It-Tribunal jistaqsi, għalhekk, kif il-konvenut qiegħed jippretendi li d-dokument CM (fol. 150) jittieħed bis-serjetà meta huwa stess jgħid li ma ġie ffirmat xejn. Fil-fehma tat-Tribunal, ftehim huwa ssiġillat bil-firem tal-partijiet, liema firem ikunu jindikaw li l-firmatarji jaqblu mal-kontenut tad-dokument. Allura, jekk l-attur jammetti li ma ġie ffirmat xejn, ifisser neċessarjament li l-attur stess qiegħed ixejjen id-dokument CM (fol. 150) li huwa jgħid li huwa l-ftehim li jorbot lill-partijiet. Dan jinċidi serjament fuq il-kredibilità tal-konvenut.

Il-konvenut qal ukoll li Xuereb kien idum biex iħallas u qal li l-fiduċja tiegħu fi Xuereb naqset. Huwa kompla jispjega li kien għadu jibda bħala *self-employed* u ma kellux esperjenza fin-negozju.

Il-konvenut xehed ukoll dwar il-kontro-talba u qal li l-ammont minnu pretiż kien għal sigħat ta' xoghol li ħadem hu u l-ħaddiema li għenuh.

Aktar tard, il-konvenut qal li għalkemm kien minnu li ġieli mar tard għax-xogħol, fil-verità x-xogħol sar. Huwa qal ukoll li x-xogħol ma tlestiex sal-ġurnata miftiehma għax kien żdied sewwa.

In kontro-eżami, il-konvenut qal li ma kienx qiegħed jemmen lil Xuereb kompletament meta dan qallu li Emanuel Portelli, l-uffiċjal inkarigat min-naħa ta' Ambjent Malta, beda jiġri warajh biex titlesta r-rampa. Huwa qal li ma bediex jemmen lil Xuereb għax l-istess Xuereb beda jibgħatu jaħdimlu f'postijiet oħra. Meta ġie mistoqsi jekk kienx jaf li t-*tender* kellu klawsola li timponi ħlasijiet penali kemm-il darba x-xogħol ma jitlestiex fiż-żmien stipulat, il-konvenut wieġeb li ried ilesti sad-data miftiehma bl-irġulija iżda bix-xogħol addizzjonali li tah Xuereb f'postijiet oħra, ma setax ilesti l-inkarigu tal-Buskett fiż-żmien stipulat.

Meta l-konvenut kien mistoqsi (fol. 143) sabiex jispjega kif ikkalkula li kellu jieħu s-somma ta' €1,800, huwa qal li kellu kollox imniżżel fuq *notebook*. Madankollu, ma ġie ppreżentat ebda *notebook* fl-atti tal-kawża u ebda notamenti jew konteġġi oħra in sostenn tal-kontro-talba. Il-konvenut naqas kompletament li jispjega kif wasal għal dik iċ-ċifra, u inoltre, ma tax dettalji dwar kemm allegatament nefaq f'materjal li skont huwa, messu ġie pprovdut lilu minn Xuereb.

Għalhekk, it-Tribunal qiegħed jiċħad il-kontro-talba.

*ii.* *<u>It-talba prinċipali</u>*

It-Tribunal itenni, qabelxejn, li m'hemmx kontestazzjoni s-soċjetà attriċi rebħet kuntratt sabiex twettaq xogħlijiet ta' bini ta' rampa fir-Razzett tal-Għorof fil-Buskett. M'hemm ebda kontestazzjoni li l-kuntratt (fol. 56) sar bejn is-soċjetà attriċi fuq naħa u l-Ministeru għall-Ambjent, l-Iżvilupp Sostenibbli u t-Tibdil fil-Klima fuq in-naħa l-oħra. Is-soċjetà attriċi kellha titħallas €10,308.74 għal dan ix-xogħol (*VAT* eskluż). Huwa evidenti li x-xogħol kellu jitlesta fi żmien tmien ġimgħat minn meta tinħareġ l-ordni sabiex jibdew ix-xogħlijiet. Din l-ordni nħarġet mill-Ministeru nhar is-17 ta' Settembru 2018 (fol. 59) u fiha ntqal li x-xogħol kellu jinbeda fit-28 ta' Settembru 2018. Għalhekk, ix-xogħol kellu jitlesta fi żmien tmien ġimgħat mit-28 ta' Settembru 2018 (jiġifieri sat-23 ta' Novembru 2018).

Inoltre, skont id-dokument NX6 (fol. 60), jidher li s-soċjetà attriċi kienet ħejjiet pjan sabiex ix-xogħol relattiv jitlesta fi żmien erbgħin ġurnata. Imbagħad, id-dokument NX7 (fol. 61) jindika li fuq talba tal-attur nomine, id-*deadline* għat-tlestija tax-xogħlijiet ġie estiż b'erbatax-il jum. Pero ntqal f'dak id-dokument li ladarba s-soċjetà attriċi ma kinitx lestiet ix-xogħol entro t-terminu stabbilit, kienet ser tinkorri penali ta' €10.31 kemm-il darba x-xogħolijiet itulu aktar mis-17 ta' Diċembru 2018.

It-Tribunal qara sewwa l-*e-mails* (fol. 62 *et seq.*) u osserva li permezz ta' *e-mail* datata 31 ta' Ottubru 2018, l-attur nomine talab lil Emanuel Portelli u lil Francis Farrugia sabiex iż-żmien għat-tlestija tax-xogħol ikun estiż. Ir-raġuni kienet kif hawn taħt ikkwotat.

> "*Dear Mr. Portelli,*
>
> *I would like to officially ask for an extension of time due to the constant bad weather. As you know when the rains it is impossible to work since the vehicles cannot access the site due to the precarious and slippery conditions. Since we constantly need vehicles to deliver the material (since the site is restricted and we cannot have loads of material on site), the bad weather has lost us at least 2 weeks, so we need a further 2 weeks to conclude, meaning up till the 28th November. Thanks in advance.*"

It-Tribunal ra l-*invoice* (dokument NX8 a fol. 66 u 67) li tindika li bejn is-16 ta' Ottubru 2018 u t-28 ta' Novembru 2018, Richard Muscat (eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem "*RDM Excavation & Constructions*") talab ħlas ta' €2,159.44 għat-trasport u l-fornitura tal-materjal meħtieġ. Hemm ukoll *invoices* oħrajn (fol. 68, 69, 70, u 71).

Hemm numru ta' *requests for payment* (fol. 74 sa 76) li jindikaw li l-konvenut tħallas total ta' €4,750 għal xogħol magħmul fuq ir-rampa relattiva. Filwaqt li din id-dokumentazzjoni, maħruġa mill-konvenut, hija nieqsa mid-dettall *siccome* tiddeskrivi x-xogħol biss bħala "*Construction of ramp in Buskett*", It-Tribunal jinnota li l-konvenut b'ebda mod ma kkontesta dawn id-dokumenti. Fi ftit kliem, il-konvenut ma kkontestax li huwa kien l-awtur ta' dawn id-dokumenti u lanqas ikkontesta n-notamenti fuqhom magħmulin minn Nyal Xuereb li jindikaw li Xuereb ħallas l-ammonti mitluba. Min-naħa tiegħu, il-konvenut irrefera biss għal pagament wieħed li sarlu, ċioe l-pagament ammontanti għal €1,250 (fol. 138). Għalhekk, fil-fehma tat-Tribunal, mhuwiex il-każ li s-soċjetà attriċi kienet iddum biex tħallas jew ippretendiet li l-konvenut jaħdem b'xejn jew għal ammont miżeru, kif donnu jrid jgħid il-konvenut.

Fix-xhieda tiegħu, il-konvenut ipprovda bħala l-unika spjegazzjoni għad-dewmien li d-distanza kienet dejjem tikber fis-sens li l-ġebel u l-materjal mhux dejjem seta' jitwassal preċiżament sal-post fejn tkun waslet ir-rampa. Iżda jidher mill-messaġġi, senjatament il-messaġġ misjub in-naħa ta' isfel tad-dokument a fol. 79, li Xuereb qal lill-konvenut li l-materjal kien ser jitwassal 'il ġewwa kemm jista' jkun u li aktarx kien ser ikun maġenb ir-razzett. It-Tribunal mhuwiex jemmen li din l-ispjegazzjoni tal-konvenut hija tajba biżżejjed, u dan għar-raġuni li jidher li l-konvenut seta' ġarr il-materjal bil-karretta u kien hemm diversi okkażjonijiet fejn Xuereb issuġġerixxa u ra kif seta' jagħmel biex jipprovdi l-użu tal-*bobcat* u xi makkinarju ieħor biex ix-xogħol tal-konvenut jitħaffef. Inoltre, il-konvenut naqas li jissostanzja u li jipprovdi dettall dwar l-allegat assenjazzjoni ta' xogħlijiet oħrajn f'postijiet oħra. Bid-dovut rispett, seta' sar kontro-eżami lil Nyal Xuereb u dan seta' ġie mistoqsi jekk huwa qatt talabx lill-konvenut jaħdimlu f'postijiet oħrajn. Fi kwalunkwe każ, huwa evidenti li x-xogħol fil-Buskett kien urġenti u Xuereb kien jaf li kien urġenti. Għalhekk, it-Tribunal ma jqisx li f'ċirkostanzi bħal dawk, Xuereb kien sejjer xjentement jibgħat lill-konvenut jaħdimlu f'postijiet oħrajn. Inoltre, jekk għall-grazzja tal-argument huwa minnu li l-konvenut intbagħat minn Xuereb biex jaħdimlu f'postijiet oħrajn, il-konvenut ma ppreżenta ebda *invoice* jew talba għall-ħlas bħala prova ta' dan. Anzi, l-*invoices* kollha tal-konvenut, li ġew ippreżentati fl-atti ta' din il-kawża mill-attur nomine, kollha jirreferu għal xogħol fil-Buskett.

Huwa partikolarment notevoli li l-konvenut qatt ma kkontesta l-allegazzjonijiet rigward allegat xogħol mhux skont l-arti u s-sengħa. Il-konvenut ma ġab ebda prova konkreta li x-xogħol kien tajjeb. Miżjud ma' dan hemm ukoll il-fatt li l-konteġġi tal-attur nomine (fol. 34) mhumiex ikkontestati.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, it-Tribunal huwa tal-fehma li t-talbiet tal-attur nomine għandhom jintlaqgħu.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi:

1. Jilqa' l-eċċezzjonijiet tal-attur nomine rikonvenzjonat fir-rigward tal-kontro-talba filwaqt li jiċħad il-kontro-talba tal-konvenut;

2. Jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fir-rigward tat-talba prinċipali u jilqa' t-talbiet kollha tal-attur nomine;

3. Jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur nomine s-somma ta' erbat elef u tmien mija u ħdax-il Ewro u għaxar ċenteżmi (€4,811.10) bl-imgħax dekorribbli b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi u kalkulabbli mid-dati li minnhom ġew żborsati l-flejjes relattivi mill-attur nomine.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu unikament mill-konvenut.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**